



Kunsill Ewropew

Brussell, 18 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

EUCO 26/25

CO EUR 21

NOTA

minn:	President tal-Kunsill Ewropew
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (18 ta' Diċembru 2025) - Ukrajna

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. It-test li jinsab f'dan id-dokument ġie appoġġat bis-sħiħ minn 25 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.

UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tiegħu u li jibqa' jingħata għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. L-Unjoni Ewropea ser tkompli ttipprovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. Il-Kunsill Ewropew ifahħhar id-determinazzjoni u r-reżiljenza tal-poplu Ukren u tal-mexxejja tiegħu fir-reżistenza għall-aggressjoni Russa, li żammew lir-Russja milli tilħaq l-oġettivi militari tagħha.
3. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-UE għall-perkors tal-Ukrajna lejn is-sħubija fl-UE, u jilqa' l-progress sinifikanti li l-Ukrajna kisbet s'issa taħt l-aktar ċirkostanzi diffiċli. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Ukrajna u tappoġġa l-isforzi tagħha biex tissodisfa bis-sħiħ il-kundizzjonijiet kollha, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-mertu. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' tappoġġa lill-Ukrajna fil-bini ta' futur paċifiku u prosperu fl-Unjoni Ewropea.
4. L-Unjoni Ewropea tappoġġa paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali. Filwaqt li jfakkar fil-prinċipji li stipula fis-6 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi diplomatiċi li qed isiru għal tmiem il-gwerra u jħeġġeġ lir-Russja taqbel dwar waqfien mill-ġlied sħiħ, mingħajr kundizzjonijiet u immedjat, li l-Ukrajna tibqa' impenjata għalih, u tidħol f'negozjati sinifikattivi għal paċi ġusta u dejjiema. Sabiex il-paċi tkun ġusta u dejjiema, il-fruntieri ma jridux jinbidlu bil-forza u kwalunkwe ftehim futur irid jirrispetta l-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u jiggarrantixxi s-sigurtà tal-Ukrajna u l-kapaċità li tiddefendi lilha nfisha għal żmien twil.

5. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jipparteċipaw b'mod attiv fl-isforzi għall-paċi, f'konformità mal-għan tal-Unjoni Ewropea li tippromwovi l-paċi, kif minqas fit-Trattati. It-triq għall-paċi fl-Ukrajna ma tistax tiġi deċiża mingħajr l-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea ser tiddeċiedi dwar kwistjonijiet fil-kompetenza tagħha jew li jaffettwawha s-sigurtà.
6. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jinsabu lesti li jikkontribwixxu għal garanziji tas-sigurtà robusti u kredibbli għall-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti u f'kooperazzjoni mal-Istati Uniti. Dan jinkludi l-appoġġ lill-kapaċità tal-Ukrajna li tipprevjeni l-aggressjoni u li tiddefendi lilha nnifisha b'mod effettiv. Il-kontribut tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser ikun ibbażat fuq il-kompetenzi u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali.
7. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-hteġa kritika li jiġi żgurat li l-Ukrajna tibqa' reżiljenti u li jkollha l-mezzi baġitarji u militari biex tkompli teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża u tiġġielel u tkun deterrent għall-aggressjoni tar-Russja, anke fuq terminu twil.
8. Filwaqt li jfakkar fl-impenn ta' Ottubru 2025 li jiġu indirizzati l-ħteġijiet finanzjarji urġenti tal-Ukrajna għall-2026-2027, inkluż għall-isforzi militari u ta' difiża tagħha, il-Kunsill Ewropew evalwa l-ħidma li għaddejja biex jitwettaq dak l-impenn.

F'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew li jissottolinjaw li, soġġett għad-dritt tal-UE, l-assi tar-Russja għandhom jibqgħu immobilizzati sakemm ir-Russja twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u tikkumpensaha għad-dannu kkawżat mill-gwerra tagħha, l-Unjoni Ewropea, minħabba s-sitwazzjoni bla preċedent, adottat, abbażi tal-Artikolu 122 TFUE, miżuri ta' emerġenza eċċezzjonali, temporanji u debitament ġustifikati li jimmobilizzaw dawn l-assi fuq bażi aktar sostnuta. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li saret fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dak l-att.

Wara l-proposti reċenti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex ikomplu jaħdmu fuq l-aspetti tekniċi u legali tal-istrumenti li jstabbilixxu Self marbut mar-Reparazzjonijiet abbażi tal-bilanċi tal-flus assoċjati mal-assi immobilizzati tar-Russja.

Sadanittant, bil-ħsieb li jiġi żgurat l-appoġġ finanzjarju meħtieġ għall-Ukrajna mit-tieni kwart tal-2026, inkluż għall-ħtiġijiet militari tagħha, il-Kunsill Ewropew jaqbel li jipprovdi self ta' EUR 90 biljun lill-Ukrajna għas-snin 2026-2027 abbażi tas-self tal-UE fuq is-swieq tal-kapital, appoġġati mill-marġni ta' manuvra baġitarja tal-UE. Permezz tal-kooperazzjoni msaħħa (l-Artikolu 20 TUE) fir-rigward tal-istrument ibbażat fuq l-Artikolu 212 TFUE, kwalunkwe mobilizzazzjoni tar-riżorsi tal-baġit tal-Unjoni bħala garanzija għal dan is-self mhux ser ikollha impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovakkja. Dan is-self jitħallas lura mill-Ukrajna biss ladarba tirċievi r-reparazzjonijiet. Sa dak iż-żmien, dawn l-assi ser jibqgħu immobilizzati u l-Unjoni tirriżerva d-dritt tagħha li tużahom biex tħallas lura s-self, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.

Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-elementi li ġejjin b'rabta mas-self li għandu jingħata lill-Ukrajna:

- a) it-tisħiħ tal-industriji tad-difiża Ewropej u Ukreni;
- b) li l-Ukrajna tkompli tħares l-istat tad-dritt, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- c) in-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri u l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

9. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li l-Istati Membri jkomplu jżidu l-isforzi biex jindirizzaw il-ħtiġijiet militari u ta' difiża urġenti tal-Ukrajna, b'mod partikolari s-sistemi ta' difiża tal-ajru u ta' kontra d-droni u l-munizzjon ta' kalibru kbir. F'dan il-kuntest, jibqa' kruċjali li jitkompla l-appoġġ lill-industrija tad-difiża tal-Ukrajna, l-iżvilupp tagħha u l-investiment fiha, fost l-oħrajn permezz tal-istabbiliment tal-produzzjoni tad-difiża Ukrena fl-Istati Membri. Huwa importanti wkoll li tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-integrazzjoni bejn l-industrija tad-difiża Ukrena u l-industrija tad-difiża Ewropea, abbażi tal-esperjenza u l-għarfien uniċi tal-Ukrajna. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inklużjoni tal-kooperazzjoni mal-Ukrajna fil-pjanijiet tal-Istati Membri dwar l-investiment għall-industrija tad-difiża fil-qafas tal-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE).
10. L-appoġġ militari kollu kif ukoll il-garanziji tas-sigurtà għall-Ukrajna ser jingħataw b'rispett sħiħ għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċertu Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.
11. L-Unjoni Ewropea għadha determinata li żżomm u żżid il-pessjoni tagħha fuq ir-Russja biex twaqqaf il-gwerra brutali ta' aggressjoni tagħha u tidħol f'negozjati sinifikattivi għall-paċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill biex ikompli jaħdem fuq pakkett ġdid ta' sanzjonijiet, bl-għan li jiġi adottat mill-aktar fis possibbli wara l-preżentazzjoni tiegħu kmieni fl-2026. Jišhaq ukoll fuq l-importanza li titkompla l-koordinazzjoni mas-sħab tal-G7 u sħab oħra tal-istess fehma dwar is-sanzjonijiet, u li jissaħħu l-miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni.
12. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-isforzi biex jittrażżnu l-operazzjonijiet tal-flotta mistura tar-Russja, li effettivament naqqsu d-dħul mill-enerġija tar-Russja u jilqa' l-adozzjoni reċenti ta' sanzjonijiet ġodda għal dan l-għan. Jappella għal aktar azzjoni koordinata mill-Istati Membri u aktar kooperazzjoni mas-sħab tal-G7, anke fir-rigward ta' stati tal-port u dawk kostali kif ukoll fir-rigward ta' stati terzi tal-bandiera u l-atturi kollha involuti fl-ekosistema tal-flotta mistura, biex id-dħul mill-enerġija tar-Russja jkompli jonqos u biex jibqgħu jiġu indirizzati r-riskji sinifikanti li toħloq il-flotta mistura.

13. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-appoġ minn pajjiżi terzi, u atturi u entitajiet fihom, li jippermettu lir-Russja ssostni l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna b'mod partikolari l-appoġ militari li qed jibqa' jingħata mill-Iran, il-Belarusja u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, fost oħrajn. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha jwaqqfu minnufih kwalunkwe assistenza diretta jew indiretta lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, speċjalment permezz tal-provvista ta' oġġetti u komponenti ta' użu doppju.
14. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki fuq skala kbira li r-Russja għadha twettaq fuq persuni u siti ċivili fl-Ukrajna, inkluż fuq infrastruttura, spartirijiet, faċilitajiet mediċi u s-sistema tal-enerġija. Huwa jappella għall-waqfien immedjat tal-attivitajiet militari kollha qrib il-faċilitajiet nukleari tal-Ukrajna, li joħolqu theddida serja għas-sikurezza u s-sigurtà tagħhom. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll għall-mobilizzazzjoni tal-isforzi kollha li jgħinu lill-Ukrajna fit-tiswija, il-bini mill-ġdid u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tagħha. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, f'kooperazzjoni mas-sħab, ser jintensifikaw l-għoti ta' għajnuna umanitarja u ta' assistenza fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, kif ukoll ta' enerġija ta' tagħmir marbut mal-enerġija, lill-Ukrajna.
15. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell urġenti tiegħu lir-Russja u lill-Belarusja biex jiżguraw minnufih ir-ritorn sikur u mingħajr kundizzjonijiet lejn l-Ukrajna tat-tfal u l-persuni ċivili Ukreni l-oħra kollha, deportati u trasferiti illegalment. Sforzi oħra ta' għajnuna umanitarja u miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja, b'mod partikolari l-iskambju ta' prigionieri tal-gwerra, iridu jkun parti mill-perkors li jwassal għall-paċi.
16. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ li tiżgura li tintrefa' r-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-oħra l-aktar serji mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella għal sforzi sostnuti li jwasslu għall-operazzjonalizzazzjoni tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna, fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa. Jilqa' wkoll l-iffirmar tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna u jappella biex tkompli l-ħidma.
17. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.